# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 12 ta' Awwissu 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR LYDON ZAMMIT)**
**(SPETTUR ANTONELLO MAGRI)**

**VS**

**ISAAC GRECH**
**(K.I. 75900L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Isaac Grech** ta' 23 sena, iben Joseph u Lorraine Vella imwieled fit-18 ta' Frar 2000 f'Tal Pietà, detentur tal-Karta ta' l-Identità Nru 75900L u residenti fi 13, Stella, Triq Xemxija, Marsa u akkużat:

1. Talli matul il-lejl ta' bejn l-10 ta Awwissu 2024 u l-11 ta Awwissu 2024 ġewwa l- Ħamrun u/jew f'diversi nħawi madwar Malta naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gianella Camilleri Busutil LL. D fid-digriet tagħha tal-24 ta' Mejju 2023 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Onor Mħallef Dr. Edwina Grima LL. D fid-digriet tagħha ta-18 ta' Diċembru 2023 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D, datata 27 ta' Mejju 2024, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

4. U aktar talli fl-istess fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Ghaldaqstant, fil-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi fil-każ de quo jirriżulta li l-akkużat għandu żewġ sett ta' kondizzjonijiet għall-għoti tal-Ħelsien mill-Arrest. Fl-ewwel wieħed, datat l-24 ta' Mejju 2023 mogħti minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Giannella Camilleri Busuttil, l-akkużat hu obbligat li jirrinkaża ruħu bejn l-10:00pm u s-6:00am[1] filwaqt li fit-tieni wieħed, datat il-15 ta' Diċembru 2023 mogħti mill-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Imħallef Onor. Dr Edwina Grima, l-akkużat hu obbligat li jirrinkaża ruħu bejn id-09:00pm u s-s-06:00am.[2] Illi rriżulta li dakinhar tal-akkużi, l-uffiċjali tal-pulizija sabu lill-akkużat barra mir-residenza tiegħu fl-04:15am fil-Ħamrun.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-kondizzjonijiet tal-għoti tal-Ħelsien mill-arrest għandhom jiġu osservati skrupolożament minn kull min huwa suġġett għalihom. Meta persuna tiġi fdata mill-Qrati, hija għandha taħdem sabiex ma titlifx dik il-fiduċja u jekk tonqos milli tobdi xi kondizzjoni hija tkun qed tikser dik il-fiduċja lilha fdata. Illi di più, l-akkużat mhux talli kien fdat biss bil-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest, iżda kien anke fdat minn din il-Qorti bis-sospensjoni tal-piena karċerarja, kif jirriżulta mis-sentenza erogata kontra l-istess akkużat nhar is-24 ta' Mejju 2024.

Min-naħa l-oħra, l-Qorti semgħet ukoll illi l-akkużat kellu xi problemi minn abbuż ta' sustanzi u għalkemm kien beda t-triq it-tajba, jidher li f'dawn l-aħħar żminijiet huwa reġa' rkada fil-ħajja ta' qabel, propju minħabba dan l-abbuż mis-sustanzi illeċiti.

[1] Ara l-kondizzjoni numru 7 tal-imsemmi digriet.
[2] Ara l-kondizzjoni numru 6 tal-imsemmi digriet.

Illi b'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li għalkemm il-piena għandha tkun waħda karċerarja effettiva, m'għandhiex tkun waħda lejn il-massimu.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 28B u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Isaac Grech <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettivi.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tornda r-revoka tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti lill-Isaac Grech permezz tad-Digrieti, ossija, (i) dak datat l-24 ta' Mejju 2023 mogħti minn din il-Qorti diversament ippresjeduta kif ukoll permezz (ii) dak datat il-15 ta' Diċembru 2023 mogħti mill-Qorti Kriminali;

B'żieda ma dan, il-Qorti qed tordna l-konfiska tas-somma ta' mitt Ewro (€100) minn <u>kull depożitu</u> mħolli mill-akkużat fid-Digrieti datat l-24 ta' Mejju 2023 mogħti minn din il-Qorti diversament ippresjeduta kif ukoll f'dak datat il-15 ta' Diċembru 2023 mogħti mill-Qorti Kriminali;

Illi bl-applikazzjoni tal-Arikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijet ta' Malta, il-Qorti qed testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza erogata minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fil-konfront tal-akkużat nhar is-27 ta' Mejju 2024 b'77 jum sabiex il-perjodu operattiv ta' erba' snin jerġa jibda jiddekorri mill-ġurnata tal-lum;

Inoltre, għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Isaac Grech sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perijodu ta' sena (1) mil-lum u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, inkluż li jingħata kwalunkwe għajnuna psikoloġika jekk meħtieġa.

Il-Qorti qed tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin illi l-ħati għandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u għaldaqstant għandu jagħti qies u

joffrilu kwalunkwe għajnuna li tista’ tingħatalu sakemm l-akkużat jibda l-programm mir-riabilitazzjoni tad-droga.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f’dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront tal-akkużat.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole, lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin u lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Ft.Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**